**Minuti tal-Laqgħa Urġenti tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.40 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.45 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat (xogħol) | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | Skużat (Imsiefer) | |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.37 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Raymond Tabone | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.30 p.m. | 7.10 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-kunsill.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Urġenza tal-Laqgħa**

1.01 Fil-bidu tal-Laqgħa s-Sindku Graziella Galea spjegat li din il-laqgħa kellha tissejjaħ b'urġenza għaliex kienu nqalgħu xi problemi fl-organizzar ta' l-attivita' "*Elvis Leaves His Mark"* li għandha tiġi organizzata nhar is-Sibt 26 ta' Gunju 2010. u sabiex ukoll jittieħdu deċiżjonijiet urġenti dwar post fejn jistgħu jinżammu l-korsijiet tal-komputer fis-sajf u ħruġ ta' sejħa għall-akkwist jew kiri ta' propjeta' għall-użu tal-Kunsill.

**2.00 Attivita' minn Mark Andrew Tabone *( Elvis Impersonator ) "Elvis Leaves His Mark"***

2.01 Is-Sindku qalet li kienu nqalgħu xi problemi mal-kumpanija 'All Events Logistics' li kienet ingħatat l-inkarigu li torganizza din l-attivita' bl-obbligu li din il-kumpanija tarma d-dwal u s-*sound systems* kif jinħtieġ, jinġab preżentatur u talent ieħor, u bi dritt li huwa jżomm il-*bars* bla ħlas, filwaqt li l-Kunsill jieħu ħsieb a spejjeż tiegħu (tal-Kunsill) il-permessi meħtieġa, *barriers, insurance*, sigurta', u *marketing*.

2.02 Is-Sindku qalet li l-ewwel diffikulta' li nqalgħet kienet dwar il-post fejn għandha ssir l-attivita'. L-organizzatur ried li din l-attivita' ssir ħdejn ta' Fra Ben u mhux ħdejn it-Torri hekk kif kien deċiż mill-Kunsill. Din kienet waħda mill *options* li l-organizzatur kien niżżel fl-*expression of interest*. Wara li sar qbil mal-Kunsilliera kollha li l-attivita' ssir ħdejn ta' Fra Ben, inqalgħet il-kwistjoni tal-*marketing*. L-organizzatur ried li jieħu ħsieb hu jagħmel ir-riklami, fejn irid hu u bi prezz li kien jidher għoli aktar minn stimi li ġab il-Kunsill. Dan ma kienx aċċettabli għaliex wara kollox kien il-Kunsill li se jħallas għal dawn ir-riklami. Barra minn hekk, l-organizzatur qal li kien tard wisq u ma kienx ser jilħaq isir *marketing* biżżejjed u kien ser jitlef il-flus minħabba nuqqas ta' attendenza mill-pubbliku. Huwa talab li l-Kunsill jagħmel tajjeb għat-telf li seta' jagħmel billi jkun lest iħallas is-somma ta' €1,200.-- f'każ ta' telf. Kien għalhekk li ssejħet din il-laqgħa tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jiddeċiedi jekk jaċċettax dawn il-kundizzjonijiet u f'każ li le x'għandu jsir sabiex din l-attivita' ssir xorta waħda la darba il-Kunsill huwa kommess li jħallas spejjeż għal l-artist Mark Andrew Tabone.

2.03 Wara li nqrat il-korrispondenza relatata, il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-kundizzjonijiet li kien qed jitlob l-organizzatur ma kinux aċċettabli, u li l-Kunsill għandu jieħu parir legali u saqsa wkoll kekk il-ftehim kienx bil-kitba. Huwa qal li għandu jiġi ifformolat kuntratt għal attivitajiet bħal din.

2.04 Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' għandha ssir xorta waħda u għalhekk awtorizza lis-Sindku u lill-Agent Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmlu dak kollu meħtieġ sabiex din l-attivita' tirnexxi bl-inqas spejjeż possibli.

2.05 Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li huwa kien lest ikellem lill-Każin tal-Banda sabiex jara jekk jistgħux jinkarigaw ruħhom mill-attivita'. Huwa qal, iżda, li kien ser jagħti risposta dwar dan lis-Segretarju Eżekuttiv kmieni kemm jista jkun l-għada filgħodu.

2.06 Il-Kunsillier Alfred Grima qal li bħala l-aħħar għażla jekk ikun hemm bżonn il-*bar* jiġi operat mill-Kunsill stess.

**3.00 Post Temporanju Għall-Korsijiet fis-Sajf**

3.01 Fil-bidu tad-diskussjoni dwar dan is-suġġett, il-Kunsillier Alfred Grima ħareġ mill-kamra tal-Laqgħa minħabba kunflitt ta' interess.

3.02 Is-Sindku qalet li hemm problema fejn isiru l-korsijiet tal-kompjuter għat-tfal fis-Sajf billi saru oġġezzjonijiet mill-ġenituri li ma' xtaqux jibgħatu t-tfal fil-każin tal-banda, post fejn jista' jingħad xi kliem mhux xieraq. Għalhekk, kien hemm bżonn li jinstab post imqar għas-sajf biss fejn isiru dawn il-korsijiet.

3.03 Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li bħala propjeta' minn dawk li ra, l-aktar addattat minn kollox kien dak ta' Joseph Vella fi Triq San Pawl, faċċata tal-Każin tal-Labour.

3.04 Il-Kunsillier Frank Gauci qal li huwa ma jaqbilx għaliex din il-propjeta' mhix aċċessibli għall-persuni b'diżabilita' minħabba ż-żewġ tarġiet li hemm fid-dħul tagħha. Barra minn hekk, din il-problema ma tistax titranġa minħabba li taħt il-post hemm saqaf tal-*basemen*t u dan ma jistax jintmess. Peter Abela issuggerixxa li minħabba din il-problema jigta jiġi installat 'chair lift'.

3.05 Il-Kunsillier Jason Camilleri insista li l-Kunsillier Frank Gauci ma hux Perit u għalhekk ma jistax jiddeċiedi hu jekk tistax issir alterazzjoni f'dan il-post.

3.06 Il-Kunsillier Frank Gauci qal li għalkemm huwa ma kienx perit, xogħolu kien ta' *draftsman* ma' perit u xi ftit jew wisq żgur jifhem. Huwa qal li issa jispera li l-Kunsillier Jason Camilleri ma jmurx jgħid li huwa kien kontra li jintgħazel dan il-post. Huwa kien qed jiddikjara li kieku ma kienx għal din il-problema, kieku dan kien l-aħjar u l-isbaħ post għall-korsijiet.

3.07 Il-Viċi Sindku John Bray qal li hemm post ħdejn il-knisja ta' San Pawl il-Baħar li huwa propjeta' ta' Ganni Vella (il-Maħmaħ) li huwa wkoll *available* u huwa addattat ħafna għax qiegħed livell mat-triq mingħajr ebda turġien.

3.08 Ġie deċiż li tinħareġ sejħa malajr kemm jista jkun sabiex il-Kunsill jikri post temporanju għal ta' l-inqas tliet xhur sabiex ikunu jistgħu jsiru l-korsijiet.

Il-Kunsillier Alfred Grima reġa daħal lura fil-kamra tal-Laqgħa.

**4.00 Ħruġ mill-ġdid ta' sejħa sabiex jinstab post għall-użu tal-Kunsill Lokali**

4.01 Fil-bidu tad-diskussjoni fuq dan is-suġġett, il-Kunsillier Ray Tabone staqsa x'kien sar mill-pjan li kien hemm fiċ-ċentru ta' San Pawl il-Baħar. Huwa qal li jekk il-Kunsill ser ikompli b'dak il-pjan ma jarax il-ħtieġa li wieħed jiddeċiedi li jixtri post ieħor.

4.02 Il-Kunsillier Peter Abela qal li l-Kunsill irid jara jekk jistax jixtri propjeta' minħabba li l-liġi titlob li hemm bżonn ta' referendum biex isir dan.

4.03 Il-Vici Sindku John Bray spjega li kien hemm min offra propjeta' bi tliet sulari, kollha swali *open plan*, lesti minn kollox, bil-*lift* installat, u *finishing* ta' kwalita' verament għolja. Dan il-post qed ħdejn il-knisja tal-Karmnu fit-triq principali.

4.04 Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għandu jsir *time frame* sabiex ma' jibqawx jintefqu flus bla bżonn.

4.05 Il-Kunsillier Peter Abela qal li ma' kienx hemm għażla għax f'Awwissu ser tagħlaq il-kera tal-post ta' l-uffiċċini tal-Kunsill. Huwa ssuġġerixxa li tinħareġ sejħa għall-kiri ta' post b'*option* ukoll ta' xiri tal-post aktar tard bi ftehim minn qabel u bil-kundizzjoni li tingħata preferenza jekk il-post ikun jakkomoda lill-Kunsill għall-bżonnijiet tiegħu kollha.

4.06 Sar qbil unanimu li tinħareġ din is sejħa kif issuġġerixxa Peter Abela u jingħata l-aktar żmien qasir possibli għal l-għeluq ta' din is-sejħa.

**5.00 Għeluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa intemmet fis-7.10 ta' filgħaxija.

Graziella Galea
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv

28 ta' Ġunju 2010

ref.55/6033/10/0SG